MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 200/2005

**Il-Pulizija**
**Vs**

**Victor Grech**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli fid-9 ta' Marzu, 2005 u fit-tlett xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi w li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes u dan bi ksur tal-artikolu 338(m) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi zamm zwiemel fil-fond urban 66 Triq San Girgor, Pieta', liema fond huwa adjacenti mal-propjeta tal-familja Caruana.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-10 ta’ Gunju, 2005, li biha, wara li rat l-Artikoli 18 u 338(m) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu jhallas LM5 ammenda kif ukoll ordnat lill-appellant inehhi l-inkonvenjent, skond l-artikolu 377 (3) tal-Kodici Kriminali, fi zmien xahar taht penali ta’ zewg liri Maltin (LM2) kulljum fin-nuqqas.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 ta’ Gunju, 2005, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza appellata w konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni jew htija, jew alternattivament, f’kaz illi thoss li m’ghandhiex taghmel dan, tvarja l-istess sentenza billi filwaqt li tikkonfemaha fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuza w fejn ikkundannatu jhallas ammenda ta’ hames liri Maltin (LM5), thassar dik il-parti fejn ordnatlu jnehhi l-inkonvenjent u minflok, bl-applikazzjoni tal-istess artikolu 377(3) tal-Kap. 9, tordnalu jigi konformi mal-ligi billi jbieghed iz-ziemel mill-hajt tal-appogg mal-kwerelanti, w dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa w opportuni.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ :- Li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-ligi u tal-provi meta sabet lill-appellant hati. F’ dan il-kaz ghandu japplika l-principju tal-buon vicinat. Il-gurisprudenza tiddistingwi bejn “*nuisance*” u *“annoyance*” u biex ikollok inkonvenjent punibbli kriminalment, irid ikun “*nuisance*” u jrid ikun “*gravi u mhux facilment tollerabbli*”. Irid ikun ukoll “*kontinwu w intens”*. Jekk iz-ziemel tal-appellant qed verament jikkawza xi hsejjes, (allegazzjoni kontestata mill-appellan) dawn zgur ma jaqghux taht din id-definizzjoni. Inoltre l-appellant kien ilu jrabbi z-zwiemel hemm u l-kwerelanti marru jghixu fil-vicin ricentement u ghalhekk accettaw b’ implikazzjoni l-inkonvenjent li wiehed ghandu jistenna bhala**

**ragjonevoli f' zona fejn jitrabbew l-annimali. Tal-Pieta' mhix zona fejn hu projbit li jitrabbew l-annimali. Finalment l-Ewwel Qorti, minnflok li ordnat lill-appelant inehhi z-ziemel tieghu, setghet ordnatlu minnflok li jikkonforma ruhu mal-ligi skond l-artikolu 377 (3) li jippermetti dan. Dan l-inkonvenjent jigi eliminat kieku l-Ewwel Qorti ordnatlu jzomm iz-ziemel milli jersaq vicin mall-hajt ta' l-appogg .**

**Semghet ix-xhieda mill-gdid.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Ikkonsidrat;**

**Mix-xhieda ta'** PS 86 Anthony Lia **rrizulta li l-ewwel kellu rapport verbali li kien hemm xi ziemel li kien qed jaghmel storbju f' garage u, fid-9 ta' Marzu, 2005, l-kwerelanti gabulu kwerela li kienet tirrigwarda dik id-data w t-tlitt xhur ta' qabel. L-istorbu kien ikun aktar bil-lejl. Hu ma marx fuq il-post u ghalhekk qatt ma sema' l-istorbju. Meta hu kien kellem lill-appelant li gharaf fl-awla, dan kien qallu li veru ghandu ziemel hemm u li kien ilhom biz-zwiemel hemm. Hemm *residential area*.**

William Caruana **xehed li z-ziemel ikun f' ambjent li jidher fil-pjanta esebita w jhabbat u jobrox u jdammdmilhom id-dar kollha w jisimghuh bil-lejl l-aktar. Meta hu kellem lill-appellant aktar minn darba, dan gieli jghidlu li ser jorbotlu saqajh, daqqa jgidlu li ser inehhieh minn hemm u daqqa li ser jiehdu ghand iz-ziju tieghu. Hu bil-lejl jorqod u jquim ghax iz-ziemel iqajjem lilu w lill-familja kollha.**

In kontroezami x-xhud qal li ilu joqghod hemm xi hmistax, sittax il-sena w l-appellant kien sussegwentement saqqaf il-bitha w ghamilha stalla taz-ziemel. Kienu telghu il-Qorti mall-appellant. Qabel daz-ziemel kellu iehor. Ilu jkun hemm ziemel hemm kemm ilu li bena l-kamra, xi seba' tmin snin, daqqa jnehhieh u daqqa le.

Rosette Caruana **xehedet li ma jistghux jorqdu bil-lejl ghax iz-ziemel jaghti daqqiet ta' zewg meta jfettillu w dan bil-lejll-aktar. Xebghu jghidu lill-appellant biex inehhieh u johorgu fejn kien qabel ma bena l-bitha li tigi maghhom u ghamel l-istalla mall-hajt divizorju. B' hekk jinstemghu d-daqqiet tieghu. Gieli jaghmillu s-sarima ma halqu w z-ziemel jibda jobrox mall-hajt u tisimghu. L-appellant jghid li dan jigri ghax iz-ziemel jaqbdu ugieh ta' zaqq jekk inaqqar mill-art. U huma jispiccaw bl-ugiegh tar-ras ghax ma jistghux jorqdu.**

**In kontroezami qalet li z-zwiemel ilhom idejjquhom u meta kienu ghamlu mandat kontra l-appellant , dan kien hedded lil zewgha w qallu li ser jigi jsibu anki jekk idahhluh il-habs. L-appellant biddel zwiemel kemm il-darba w kull darba li jgib zwiemel godda jaghmlilhom dawn il-praspar. Minn kemm ilu li bena' maghhom dawn l-ahhar hames snin, dejjem kien hemm zwiemel hemm u xebghu gejjin u sejrin jghidulu bil-kelma t-tajba lill-appellant u anki lill-familjari tieghu qalu. Iz-ziemel jibda jhabbat meta jfettillu w dan jigri hafna drabi, jaghmel iljieli wara xulxin, bhall-ahhar tlitt ijiem qabel ma xehdet.**

L-Appellant, **minn jeddu, xehed li ghalkemm il-kwerelanti qalu li mal-gurnata ukoll jaghmel l-istorbju z-ziemel , hu mall-gurnata jiehdu go *paddock*. Iz-ziemel mhux qed jaghmel storbju . Hu joqghod magembu liz-ziemel. Hu ghandu 47 sena u hemm dejjem biz-zwiemel. Hu kien tela l-Qorti mall-kwerelanti u kien gie liberat u ma wehel xejn. Veru li darba z-ziemel kellu ugiegh ta' zaqq imma ugiegh ta' zaqq mhux ser jaqbdu kulljum . Mhux veru li qatt ghamillu xi sarima liz-ziemel.**

**In kontroezami qali li l-kamra minn dejjem hemm kienet u li ghamlilha kien li rrangalha naqra s-soqfa w ghadha miftuha wholl. Il-kwerelanti joqghodu fuq garage li hemm warajh. La fuqu ma hemm nies, la magembu, la n-naha ta' hawn u lanqas in-naha t' hemm. Il-kwerelanti lanqas qeghdin mieghu. Darba l-kwerelanti qaltlu li z-ziemel kien qed jaghmel l-istorbju w hu kien qalilha li ser ipartu w jgib iehor. Darba ghamel u ma ghamilx izjed. Issa regghet qabet tirraporta meta fil-fatt daz-ziemel ma jaghmilx hsejjes.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi mill-provi fuq ripprodotti in succinto, din il-Qorti tara li l-Ewwel Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghas-sejbien ta' htija. Illi mhux kull konflitt fil-provi necessarjament iwassal ghall-liberazzjoni w l-Ewwel Qorti kellha kull dritt tabbraccja l-versjoni tal-konjugi Caruana w tiskarta dik tal-appellant.**

**Illi fil-fehma ta' din il-Qorti il-fatti rizultanti jaqghu pjenament taht id-dispozizzjoni kontravvenzjonali tal-artikolu 338 (m) tal-Kodici Kriminali li tghid li hu hati ta' kontravvenzjoni min *" bil-lejl, jikser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat <u>jew b' mod iehor</u>".* Certament li jekk detentur ta' ziemel ihallih ihokk, jobrox jew ihabbat ma hajt divizorju li warajh jew fuqu jghixu in-nies ma tul il-lejl, dan jaqa' taht din il-kontravvenzjoni. Terga' u tghid li rrizulta li dan hu kaz ta' *nuisance*, kontinwu, gravi w mhux facilment tollerabli, ghax ma jhallix il-vicini jistriehu fil-hin tal-mistrieh legittimu taghhom.**

Illi l-buon vicinat li qed jinvoka l-appellant l-ewwel ma japplika hu ghalih billi hu z-ziemel tieghu li qed jiddisturba l-kwiet ta' bil-lejl li l-kwerelanti ghandhom dritt ghalih go darhom.

Ghalhekk din il-Qorti qed tirrespingi l-aggravji li huma relatati mas-sejbien ta'htija.

Illi ghar-rigward tal-aggravju fuq l-ordni ghat-tnehhija tal-inkonvenjent, jigi precizat li l-Ewwel Qorti ma ordnatx it-tnehhija taz-ziemnel *“ut sic*”, imma jidher li dan il-ghan jista’ jintlahaq jekk l-appellant jiehu dawk il-prekawzjonijiet mehtiega biex ma jhallix liz-ziemel jigi f’ kuntatt mall-hajt divizorju b’ mod li ma jibqax jinstemghu l-hsejjes tieghu. Issa sta ghall-appelant li jsib il-mezz kif dan l-inkonvenjent ma jibqax jipperpetwa ruhu. Jekk jonqos li jaghmel dan u jerga jkun hemm ilment, ikun qed jesponi ruhu ghall-penali ordnata mill-Ewwel Qorti. Ghalhekk sta ghalih li jsib il-mezz kif ma jergax jirrikorri l-istorbju bil-lejl.

Ghalhekk f’ dan is-sens l-ahhar aggravju jidher li hu barra minn loku w superfluwu.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------